# ID-DAWL

DIĊEMBRU 2023 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 72

**"U qimu 'l Alla u tassoċjaw xejn Miegħu, u kunu ġenerużi mal-ġenituri tagħkom, u ma' qrabatkom, u mal-orfni, u ma' dawk fil-bżonn..."**





Komponent bażiku tal-Fidi | Kont bil-ġuħ u Tmajtuni | Rattbu Qalbkom | Festa ta' Ġenerożità

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# KOMPONENT BAŻIKU TAL-FIDI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

"Kuljum, kull persuna għandha tanalizza lilha nfisha u tara sa liema punt hija konċernata fuq il-benesseri ta' ħaddieħor u sa liema punt turi l-imħabba u l-mogħdrija lejn il-proxxmu. Is-simpatija lejn l-oħrajn hija responsabbiltà u obbligu enormi li jgħabbu immensament lill-umanità." (Malfużat, Vol. 7 p. 280 Edizzjoni 1984)

Dan hu l-kliem tal-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, bħala prinċipju li jiggwida lill-Komunità biex tipprovdi l-għajnuna u sservi lill-umanità mingħajr ebda diskriminazzjoni, hekk kif aħna nuru rispett u kompassjoni ma' ħutna stess kemm bniet kif ukoll subien. Huwa enfasizza li l-għan ewlieni tal-miġja tiegħu huwa li jservi l-umanità, għax li sservi l-umanità huwa attribut bażiku tal-fidi, u l-Iżlam iħeġġiġna biex naqdu lil dawk fil-bżonn u nuru ħniena mal-bnedmin kollha.

## PROĠETTI UMANITARJI

Bl-insegwiment ta' dan il-prinċipju partikolari, taħt il-gwida tat-Tmexxija Divina tagħha, l-Ahmadiyya Muslim Jamaat tkompli sservi lill-umanità, kemm f'Malta kif ukoll fid-dinja kollha, speċjalment fl-aktar postijiet fqar u żvantaġġjati tad-dinja. Il-Komunità bdiet il-proġetti 'Ilma għall-Ħajja' u 'Villaġġ Mudell' fejn installat bjar tal-ilma u pompi, u bniet djar u xelters, għadd ta' skejjel, kliniċi u sptarijiet f'ħafna rħula remoti fl-Afrika.

## ID-DAWL

DIĊEMBRU 2023 – Numru 72
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

A basic component of faith 02
Purely out of love 03
I was hungry and you fed Me 04
True means of inner peace 05
Serving Humanity 06
Charitable Activity 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Ninitta - iStock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

Skont l-istruzzjonijiet tal-Mexxej attwali tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Komunità ħejjiet pjan li jispjega fid-dettall kif id-djar u l-akkomodazzjoni għandhom jinbnew f'qasir żmien, u ppjanat ukoll proġetti fuq skala kbira fejn għandhom jinħażnu prodotti agrikoli u ikel, fil-każ li tinqala' gwerra dinjija.

## ISTITUT TA' TAĦRIĠ TEKNIKU

Barra minn hekk, il-Komunità impenjat ruħha li tibni u tamministra istitut ta' taħriġ tekniku fin-Niġerja ħalli tħarreġ iż-żgħażagħ f'diversi ħiliet ħalli jkunu jistgħu jieqfu fuq saqajhom u jgħinu b'mod pożittiv lis-soċjetà. Ħafna minn dax-xogħol qed isir b'mod volontarju mill-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana li ilhom jaħdmu bla heda billi jikkontribwixxu l-ħin, il-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom fuq ħafna proġetti f'pajjiżi differenti.

## PURAMENT BL-IMĦABBA

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], biex jidderiġi l-Komunità lejn l-obbligazzjonijiet tagħha lejn l-umanità, stqarr: "Ftakru dejjem li l-għajnuna lill-proxxmu hija għan ewlieni ta' kull Musulman ġenwin, hekk kif l-Iżlam iħeġġiġna biex ngħinu lil dawk fil-bżonn, u nuru mogħdrija u kompassjoni lill-bnedmin kollha...

Il-Messija Mwiegħed[as] għamel enfasi kbira fuq il-fatt li l-għajnuna lil ħaddieħor hija fattur ewlieni tal-fidi tagħna u xi ħaġa li Alla l-Omnipotenti japprezza immens.

Għaldaqstant, ikunu xi jkunu l-proġetti li jkunu qed jaħdmu fuqhom il-periti u l-inġiniera Ahmadin, mill-istallar tal-bjar tal-ilma, il-bini ta' djar affordabbli, il-kostruzzjoni ta' villaġġi mudell, jew il-provediment tal-enerġija jew servizzi essenzjali oħra, l-isforzi tagħhom għandhom dejjem ikunu motivati mill-imħabba sinċiera lejn l-umanità u x-xewqa li jinkisbu s-sodisfazzjon u l-qrubija ta' Alla l-Omnipotenti."

(*Al Hakam*, 16 ta' Ġunju 2023)

# KONT BIL-ĠUĦ U TMAJTUNI



Aktar, waqt li kien qed isemmi *Hadith* (diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]) li titfa' dawl fuq il-grandjożità vera u l-importanza li ngħinu lill-proxxmu, il-Messija Mwiegħed[as] qal:

"F'*Hadith* partikolari, huwa rrakkontat li fil-Jum tal-Ġudizzju, Alla se jgħid, 'Kont bil-ġuħ, u ma tmajtunix. Kont bil-għatx, u ma tajtunix ilma. Kont marid, u ma farraġtunix.' Meta jisimgħu dan, dawk indirizzati se jgħidu, 'Mulej tagħna, meta kont bil-ġuħ u aħna ma tmajnikx? Meta kont bil-għatx u ma tajnikx x'tixrob? U meta kont marid u aħna ma farraġnikx?' Bi tweġiba, Alla l-Omnipotenti se jgħid, 'Persuna għażiża għalija kienet qed issofri, u intom ma wrejtu l-ebda mogħdrija jew ġentilezza magħha. Kieku wrejtu ftit imħabba lejha kontu tkunu qed turu l-imħabba lejja.'

Bl-istess mod, lil ġemgħa oħra, Alla l-Omnipotenti se jgħidilha, 'Nifirħilkom għax urejtu mħabba u mogħdrija lejja. Meta kont bil-ġuħ, tmajtuni. Meta kont bil-għatx, tajtuni x'nixrob. U meta kont marid, farraġtuni.' Il-membri ta' dik il-ġemgħa se jsaqsu, 'Mulej tagħna, meta qdejniek b'dan il-mod? Lanqas aħna ma nafu.' Bħala tweġiba, Alla se jgħid, 'Meta wrejtu l-imħabba u l-kompassjoni ma' persuna qrib tiegħi, intom kontu fil-fatt qed turu l-imħabba lejja.'"
(*Malfużat*, Vol. 7 p. 280 Edizzjoni 1984)

Fil-qosor, l-għajnuna lill-proxxmu hija komponent fundamentali tal-fidi tagħna, u hija virtù kbira u xi ħaġa li Alla l-Omnipotenti japprezza immensament.

Alla ma jiħux pjaċir meta xi ħadd jittratta l-ħolqien Tiegħu ħażin, għaliex Huwa jħobb ħafna lill-kreazzjoni Tiegħu. Għaldaqstant, dik il-persuna li tagħder il-ħolqien ta' Alla Omnipotenti tkun verament qed tissodisfa lil Alla tagħha.

# MEZZI ĠENWINI GĦALL-PAĊI TAL-QALB

**"U qimu 'l Alla u tassoċjaw xejn Miegħu, u kunu ġenerużi mal-ġenituri tagħkom, u ma' qrabatkom, u mal-orfni, u ma' dawk fil-bżonn, u mal-ġar li hu qarib u mal-ġar li hu barrani, u mal-kumpann ta' maġenbek, u mal-vjaġġatur, u ma' dawk li jaqgħu taħt idejkom il-leminija. Tassew, Alla ma jħobbx lil dawk li huma mkabbrin u li joqogħdu jiftaħru."** (Il-Koran, 4:37)

F'dan il-vers tal-Koran Imqaddes, Alla l-Ħanin qed jgħallimna żewġ prinċipji bażiċi ħalli niksbu l-kuntentizza vera u dejjiema – li nħobbu 'l Alla u li nservu lill-umanità. Soċjetà li taqdi d-drittijiet tal-ħolqien ta' Alla flimkien mad-drittijiet Tiegħu hija soċjetà eċċellenti u li ġġib il-vera kuntentizza. Għalhekk, jekk tabilħaqq nixtiequ li nibqgħu ferħana, għandna nagħmlu ħilitna biex ngħinu lil dawk fil-bżonn ħalli jkollna l-vera paċi matul is-sena kollha, anzi, tul ħajjitna kollha.

## RATTBU QALBKOM

Fejn jidħlu r-relazzjonijiet, l-aktar dmir importanti li rridu nikkunsidraw huwa dak lejn il-ġenituri tagħna. Aħna obbligati lejn il-ġenituri tagħna. Alla jħeġġiġna biex nittrattaw lill-ġenituri tagħna b'ġenerożità, imħabba u għożża; u li nkunu qalbna tajba u rispettużi lejn qrabatna. Li nieħdu ħsieb l-orfni u lil dawk fil-bżonn u li nintegrawhom fis-soċjetà huwa wkoll mezz importanti ta' kif ikollna sodisfazzjon kbir. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr, **"Jekk tixtieq li qalbek titrattab, mela agħti l-ikel lil dawk fil-bżonn u qiegħed idek fuq l-irjus tal-orfni u ħu ħsiebhom."**

Tabilħaqq, meta ngħinu lis-sezzjonijiet kollha fis-soċjetajiet tagħna li huma fil-bżonn niksbu l-paċi ġewwiena. Irridu niftakru li l-veru devoti huma dawk li jaqdu lill-umanità kif ukoll lil Alla. M'għandhomx jissieltu biss għad-drittijiet tagħhom iżda jkollhom il-passjoni li jiġġieldu għad-drittijiet tal-oħrajn. Jekk nifhmu dan it-tagħlim ta' Alla l-Omnipotenti, mela nagħtu ferħ kbir lill-eżistenza tagħna.

# IS-SIMPATIJA LEJN ĦUTNA

"**Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd**", huwa l-motto tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana li mhux biss temmen fil-motto sempliċi iżda rivoluzzjonarju tagħha iżda tabilħaqq tipprattikah. B'din il-kompassjoni u l-imħabba għall-umanità l-membri tal-Komunità Ahmadiyya żaru postijiet u djar differenti u qasmu magħhom ħampers ta' rigali qabel il-festi.

## KOMUNITÀ SANTA MARIJA




Rappreżentanti tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana ppreżentaw b'donazzjoni ta' 75 ħamper u panettone lill-Komunità Santa Marija fi ħdan Sedqa Malta. Dawn ġew ippreżentati lid-Direttur tal-Operat f'ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), is-Sur Charles Scerri, mill-Imam Laiq Ahmed Atif, president tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana.

## FOOD BANK MOSTA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ppreżentat għadd ta' panettone tal-festi u l-kalendarji tal-2024 għan-nies u l-familji fil-bżonn fil-Mosta.



## SAN VINĊENZ DE PAUL



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta żaret id-dar għall-anzjani, San Vinċenz De Paul, u ppreżentat 100 panettone u ħamper tal-festi għar-residenti ta' din il-faċilità ta' kura fit-tul. Imam Laiq Ahmed Atif, president tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana u l-membri tagħha, iltaqgħu wkoll mar-residenti u qasmu magħhom mumenti ta' ferħ u awguralhom 'il-festi t-tajba'.

## SAN BLAS, CARITAS MALTA



Il-President u l-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana żaru lir-residenti li jinsabu San Blas, Caritas Malta u ferraħhom b'għadd ta' ħamper tal-festi.

## HAPPY PARENTING MALTA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta żaret Fondazzjoni Happy Parenting Malta u ppreżentat għadd ta' panettone tal-festi u l-kalendarji tal-2024 għan-nies u l-familji fil-bżonn.



# FESTA TA' ĠENEROŻITÀ










Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta pparteċipat b'mod sħiħ fl-attività għall-ġbir ta' fondi organizzata mid-Dar tal-Providenza fl-Ewwel tas-Sena 2024. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana serviet ikel tradizzjonali matul il-ġurnata; u għenet billi wieġbet it-telefonati waqt l-attività li rnexxielha tiġbor somma sabiħa għad-Dar tal-Providenza – dar għall-persuni b'diżabilità.




**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**